Taħriġ il-fehem It- Tieni Parti

# Harry Potter



B'kollox, J.K. Rowling kitbet seba' kotba dwar l-avventuri ta' Harry Potter ġewwa l-iskola ta' Hogwarts. Kull ktieb huwa dwar sena skolastika ġewwa din l-iskola. Kull sena kienet mimlija bil-problemi tagħha minħabba Voldemort, li baqa' jipprova joqtol lil Harry minkejja kollox. (par. 4)

Ġewwa din l-iskola, Harry sab żewġt iħbieb tal-qalb, Hermione Granger u Ron Weasley. Huwa studja wkoll suġġetti bħal Trasfigurazzjoni, fejn wieħed ikun jista' jbiddel persuna jew oġġett f'xi ħaġa oħra. Tgħallem ukoll il-Quidditch – (sport li jintlagħab fuq xkupa ttir), kif ukoll iltaqa' ma' diversi kreaturi bħal draguni u ċentawri. Hogwarts kienet immexxija minn surmast bl-isem ta' Albus Dumbledore, li għamel minn kollox sabiex jipproteġi lil Harry mill-attakki ta' Voldemort. (par. 5)

L-ewwel ktieb ta' Harry Potter, bit-titlu 'Harry Potter u l-Ġebla tal-Filosfu', ġie ppublikat fl-Ingilterra fis-sena 1997. Għaxar snin wara, l-aħħar ktieb fis-serje kiser kull rekord u sar l-aktar ktieb mixtri fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. Is-seba' stejjer ġew maqluba wkoll fi tnejn u

sittin lingwa differenti. B'kollox inbiegħu 'l fuq minn erba' miljun ktieb ta' Harry Potter madwar id-dinja kollha. (par. 6)

Minkejja li spiċċat is-serje ta' Harry Potter, J.K. Rowling xorta baqgħet tikteb il-kotba iżda din id-darba għall-adulti. Dan għamlitu biex tolqot il-gosti ta' kulħadd. Fost dawn il-kotba nsibu The Casual Vacancy, storja dwar il-problemi ta' nies li jgħixu ġo villaġġ żgħir. Rowling kitbet ukoll serje ta' kotba dwar raġel li jsolvi delitti misterjużi – Cormoran Strike. Ta' min jgħid li dawn il-kotba, J.K. Rowling kitbithom taħt isem differenti biex in-nies ma jindunawx li kitbithom hi! Żgur li qatt ma jgħaddilkom minn moħħkom għalfejn għamlet hekk! Din il-kittieba meraviljuża riedet tkun ċerta li n-nies jaqraw il-kotba tagħha mhux għax hija magħrufa iżda għax dawn huma tassew interessanti! (par.7)

---

B. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont it-tieni silta.

1.Veru, Falz jew Ma Ssemietx.

a. B'kollox hemm seba' kotba ta' Harry Potter.

b. Wieħed mis-suġġetti li studja Harry kien Erboloġija.

ċ. Albus Dumbledore kien is-surmast ta' Hogwarts.

d. L-aħħar ktieb ta' Harry Potter m'għamilx suċċess.

2. Dwar xiex inhu kull ktieb ta' Harry Potter? (par. 4)

__________________________________________________

3. X'kienu jitgħallmu fis-suġġett tat-Trasfigurazzjoni? (par. 5)

__________________________________________________

4. Agħti l-Mamma u l-Għerq tal-verb 'joqtol'. (par. 4)

Mamma:

Għerq:

5. Aqleb din is-sentenza fin-negattiv.

Hogwarts kienet immexxija minn surmast. (par. 5)

__________________________________________________

6. Ikteb 1997 fi kliem. (par. 6)

__________________________________________________

7. Għal xiex qed tirreferi l-kelma 'dawn' fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 7?

__________________________________________________

Wieġeb il-mistqosijiet fuq is-silta kollha.

1. Fi kliemek għid xi jfissru dawn:

a) eroj (par. 1) ____________________________________

b) għeb (par. 2) ______________________________________________

2. Wara s-serje ta' Harry Potter, il-kittieba bdiet tikteb kotba għall-kbar taħt isem ieħor. Taħseb li għamlet suċċess b'dawn il-kotba? Għalfejn?

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________